

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**tas-6 ta' Mejju 2014****li temenda d-Deċiżjoni 2009/935/ĠAI fir-rigward tal-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom il-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet**

(2014/269/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 26(1) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/934/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tadotta r-regoli implimentattivi li jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-Europol mal-imsieħba, inkluż l-iskambju ta' data personali u informazzjoni kklassifikata ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tagħha,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2009/935/ĠAI ⁽³⁾.
- (2) Minħabba li d-determinazzjoni tal-lista tal-Istati terzi u l-organizzazzjonijiet li magħhom il-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI (il-"lista") hija marbuta mar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, dak il-punt jikkonferixxi fuq il-Kunsill setgħat ta' implimentazzjoni biex jiddetermina l-lista. F'konformità mad-Deċiżjonijiet 2009/371/ĠAI u 2009/935/ĠAI, il-lista tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2009/935/ĠAI.
- (3) Hija r-responsabbiltà tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol li jirrieżamina l-lista fejn meħtieġ u li jiddeċiedi jekk jipproponix lill-Kunsill emendi għaliha.
- (4) Fil-laqgħa tiegħu tat-3 u l-4 ta' Ottubru 2012, il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol iddeċieda li jirrakkomanda lill-Kunsill li huwa jżid ċerti Stati terzi mal-lista, waqt li spjega l-ħtieġa operazzjonali biex jiġu konklużi ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' dawk l-Istati terzi.
- (5) Huwa importanti ħafna li l-Europol jibda l-proċedura għall-konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni li jagħti prijorità lill-Ġeorġja, minħabba l-impenji fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant stabbiliti fl-2009, l-inizjalar f'Novembru 2013 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, u l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ġeorġja, kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni UE-Ġeorġja dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża.
- (6) Id-Deċiżjoni 2009/935/ĠAI għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.
- (7) Fid-19 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew u, wara dik il-konsultazzjoni, il-Parlament Ewropew ħareġ opinjoni ⁽⁴⁾,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-punt 1 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2009/935/ĠAI, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

— Brazzil

— Ġeorġja

⁽¹⁾ ĠUL 121, 15.5.2009, p. 37.⁽²⁾ ĠUL 325, 11.12.2009, p. 6.⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/935/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tiddetermina l-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom il-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet (ĠUL 325, 11.12.2009, p. 12).⁽⁴⁾ Opinjoni tal-20 ta' Novembru 2013 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

- Messiku
- Emirati Għarab Magħquda.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2014.

Għall-Kunsill
Il-President
G. STOURNARAS
